MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 25/2017

It-Tlieta 25 t'April 2017

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson ippresjeda l-laqgħa peress li ċ-Chairperson kienet ser tattendi għall-laqgħa ftit tard.

25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Id-Deputat Chairperson qal li l-membru S Salomone Reynaud kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 24/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

25.2.2 Id-Deputat Chairperson talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

25.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

25.2.4 Id-Deputat Chairperson talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

25.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

25.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

25.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

25.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Membri.

25.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

25.5.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-Kumitati Amministrattivi 2017.

25.5.2 Il-bilanċ tal-*Urban Improvement Fund* tal-Awtorita` tal-Ippjanar għall-Marsalforn sal-aħħar ta' Diċembru 2016 huwa €49,035.13. Il-membru M Cefai ssuġġerixxa li jsiru bankini u *central strip* fi Triq Santa Marija b'dawn il-fondi. Il-membri qalu li l-Perit kien għamel pjanta. Dan is-suġġett għandu jiġu diskuss f'laqgħa oħra.

25.5.3 Ir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn kiteb lill-Kunsill dwar il-Kwaranturi li ser isiru l-Ħadd, 13 t'Awwissu fis-7.00pm. Ir-Rettur talab sabiex ma jiġux organizzati attivitajiet oħra fl-istess ħin.

25.5.4 Il-membru S Grech avviċinawha persuni fejn ilmentaw dwar il-karozzi pparkjati ħażin li qed ikun hemm kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar fi Triq il-Wied kantuniera ma Triq l-Isqof Pace. Il-Kumitat qabel illi jitlob lill-Pulizija sabiex tinżamm l-ordni f'dan il-post.

25.5.5 Il-Kumitat unanimament qabel illi:

- Isir *double yellow line* mal-ħajt li ttella' dan l-aħħar fi Triq il-Qbajjar ma ta' Trieste sal-*bus stop* eżistenti. Għandha ssir talba lil Transport Malta;
- Jerġgħu jsiru d-*double yellow lines* li tgħattew minn persuni mhux magħrufa fi Triq Daħlet l-Għerejjex;
- Jiġi nfurmat l-Ministeru għal Għawdex bil-periklu li jeżisti meta nqala' l-apparat tal-logħob u tħallew xi viti mwaħħla fl-art;
- Jinżebgħu l-imwejjed u l-bankijiet ta' quddiem l-għassa mill-ħaddiema tal-Beaches;
- Tintbagħat *reminder* għall-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex.

25.5.6 Dwar l-attivita` 'Festa Marsalforn' il-Kumitat irċieva korrispondenza mingħand Guru Events fejn infurmaw li huwa diffiċli li l-attivita' ssir din is-sena, għaldaqstant għandha tiġi organizzata sena oħra.

24.5.7 Ilment nru. KAM 05/2017 – A Camilleri
Biex titwaħħal bozza ġdida ma arblu eżistenti faċċata ta' 'Sea Breeze Flts' fi Triq Manwel Magro. Id-Deputat Chairperson ħa l-inizjattiva li jmur fuq il-post u jiċċekkja jekk hemmx bżonn ta' bozza ġdida.

24.5.8 Ilment nru. KAM 06/2017 – B Azzopardi
Talab għal *keep clear bay* quddiem Atlantis Lodge fi Triq il-Qolla s-Safra. Il-Kumitat qabel u għandha ssir talba lil Transport Malta.

24.5.9 Ilment mill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir traqqiegħ ta' Triq il-Qbajjar. Is-Sindku nforma lill-Kumitat li l-*patching* li kellu jsir f'Marsalforn ma sarx għax minflok sar fi Triq ta' Gwejrin meta waqgħet it-triq ħdejn Ta' Mena. Il-Kumitat qabel illi jsir il-*patching* fejn meħtieġ.

24.5.10 Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kumitat qabel li parti minn Triq Santa Marija mill-kantuniera ma Triq Manwel Magro sal-kantuniera ta' quddiem il-*promenade* tal-Qbajjar issir *two way* minn nofs Settembru sal-aħħar ta' Mejju. Għandha tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.5.11 Iċ-Chairperson daħlet għall-laqgħa tal-Kumitat fis-6.30pm.

24.5.12 Il-Perit tal-Kunsill bagħat l-istima riveduta bir-rati ġodda tal-offerta tat-tarmak fi Triq Għar Qawqla. Il-Kumitat qabel illi jikteb lill-Korporazzjoni EneMalta u lill-ARMS sabiex jindikaw lill-Kumitat x'servizzi hemm bżonn li jsiru f'din it-triq.

24.5.13 Iċ-Chairperson marret mal-kuntrattur tas-sinjali tat-traffiku biex tindikalu t-tabelli li hemm nieqsa f'Marsalforn.

24.5.14 Id-Deputat Chairperson informa lill-Kumitat illi għandha tinġabar stima sabiex isiru *t-shirts* għall-grupp ta' voluntiera li ser inaddfu f'Marsalforn. Huwa ssuġġerixxa wkoll li ssir *press conference* meta jkun ser jibda dan ix-xogħol ta' volontarjat.

24.5.15 Il-membru S Grech infurmat lill-Kumitat li l-artist M Cassar nfurmaha li ser jiġbor il-kwotazzjonijiet għax-xogħol tal-monument. Il-Ministeru għal Għawdex ser japplika mal-Awtorita` tal-Ippjanar biex ikun jista' jsir dan il-monument.

24.5.16 Il-Kumitat qabel unanimament illi *ż-zebra crossing* fi Triq il-Qbajjar issir skont l-aħħar pjanti li ntbagħtu mill-Perit Edward Scerri kif indikat lilu miċ-Chairperson.

24.5.17 Għall-laqgħa attendew is-sidien tal-Glassbox Bar rigward l-applikazzjonijiet tad-divertiment matul is-sajf. Wara diskussjoni sar qbil illi jingħatawlu l-permessi mitluba minnu bil-kundizzjoni li l-mużika tieqaf f'nofsillejl.

## 25.6 Mozzjonijiet

25.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 25.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.7.1 Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 31 ta' Mejju 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 31 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Marija Saliba | Josianne Cassar |
| Chairperson | Deputat Segretarju Eżekuttiv |